

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-19 ta' Ġunju 2018 – Tillotts Pharma vs EUIPO – Ferring (XENASA)
(Kawża T-362/16) ⁽¹⁾

(Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali XENASA — Trade mark tal-UNjoni Ewropea verbali preċedenti PENTASA — Raġuni relativa għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)"

(2018/C 268/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Tillotts Pharma AG (Rheinfelden, l-Isvizzera) (rappreżentant: M. Douglas, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Ivanauskas u D. Walicka, aġġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: Ferring BV (Hoofddorp, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: inizjalment minn I. Fowler, solicitor, u D. Slopek, avukat, sussegwentment minn I. Fowler)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' April 2016 (Każ R 3264/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ferring u Tillotts Pharma.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-29 ta' April 2016 (Każ R 3264/2014-4) hija annullata.*
- 2) *L-EUIPO għandu jbatis, minbari l-ispejjeż tiegħi, l-ispejjeż ta' Tillotts Pharma AG.*
- 3) *Ferring BV għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha.*

⁽¹⁾ ĠU C 314, 29.8.2016.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-19 ta' Ġunju 2018 – HX vs Il-Kunsill

(Kawża T-408/16) ⁽¹⁾

("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi kontra s-Sirja — Iffriżar ta' fondi — Prinċipju ta' ne bis in idem — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal smiġħ xieraq — Obbligu ta' motivazzjoni — Dritt għal rimedju effettiv — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Dritt għall-proprietà — Proporzjonalità — Dritt għal kundizzjonijiet ta' ħajja normali — Ħsara għar-reputazzjoni")

(2018/C 268/39)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Partijiet

Rikorrenti: HX (Damasku, is-Sirja) (rappreżentanti: S. Koev u S. Klukowska, avukati)